KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801

# Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 52, miżmuma nhar il-Gimgħa 13 ta' April 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

## Preżenti

**Membri Preżenti:**

- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Mandy Buħagiar — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier

Membri Skużati:

- Anne Fenech — Sindku
- Joseph Vella — Kunisllier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801

AĠENDA 52

52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

52.2 Deċizjoni dwar il-kawza " Is-Segretarju Generali Tal-Partit Nazzjonalista Vs Id-Direttur Tad-Dipartiment Tal-Gvern Lokali Et"

---

## Minuti 52

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv (ADSE) qrat l-ittri tal-apoloġiji fejn il-Kunsillier Paul Bugeja kien imsiefer, il-Kunsillier Joseph Vella nforma li għandu impenji ta' xogħol, il-Kunsillier Robert Piscopo nforma li ma setax jattendi u s-Sindku Anne Marie Fenech tinsab skuzata għaliex ma tiflaħx.

**52.2 Deċizjoni dwar il-kawza " Is-Segretarju Generali Tal-Partit Nazzjonalista Vs Id-Direttur Tad-Dipartiment Tal-Gvern Lokali Et**"

Il-Viċi Sindku Daniel Grima ressaq mozzjoni dwar deċizjoni relatata ma din il-kawża hekk kif annessa ma dawn il-minuti. Din il-mozzjoni li ġiet proponuta mil- Viċi Sindku Daniel Grima u skondata mil Kunsillier Graziella Galea tagħmel referenza għal Avukat li mhuwiex tal-Kunsill li ġie mqabbad biex jgħati servizz lill-istess Kunsill.

Il-Viċi Sindku spjega li min qabbad lil Avukat li mhuwiex tal-Kunsill irid jieħu responsabilta ta' dan.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk l-avukat tal-Kunsill irrispondiex għaċ-ċirkostanzi li kienu urġenti. L-ADSE spjegat li provat tikuntatja lil Avukat tal-Kunsill kemm bit-telefone kif ukoll bl-imejl iżda wara ftit taz-zmien informa lil ADSE li kellu raġunijiet familjari u ma setax jgħati s-servizz tiegħu.

Il-Viċi Sindku qara pubblikament il-mozzjoni u ttieħed vot rigward l-istess mozzjoni:

4 Favur u 5 Kontra

Favur – Viċi Sindku Daniel Grima, Kunsilliera Graziella Galea, Dounia Borg, Antoinette Bezzina
Kontra – Kunsilliera Alfred Grima, Mandy Buhagiar, Stephen Cremon, Edward Bugeja, Rodney Galea

Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza minn għand l-Avukat Bonello mil-kumpanija Scerri & Bonello Advocates fejn il-Kunsill kellu jiddeċiedi jekk il-kawza għandiex titkompla jew tieqaf hawn u kull parti tħallas il-hlasijiet dovuta minnha.

Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li l-Kunsill jimxi bit-tieni għazla li l-Kunsill kif ukoll min fetaħ il-kawza iħallas nofs bin-nofs.

Ittieħed Vot dwar il-mozzjoni li ressaq il-Kunsillier Alfred Grima

5 Favur u 4 Kontra
Favur – Kunsilliera Alfred Grima, Mandy Buhagiar, Stephen Cremon, Edward Bugeja, Rodney Galea
Kontra – Viċi Sindku Daniel Grima, Kunsilliera Graziella Galea, Dounia Borg, Antoinette Bezzina

Tmiem il-laqgħa :18.00

IFFIRMATA

____________________

Anne – Marie Fenech
Sindku

IFFIRMATA

__________________________

Elke Sghendo
Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv